



Ombudsman Ewropew

Page content - 11/02/2016

Din hija verżjoni Faċli biex Tinqara
L-Ombudsman Ewropew
L-isem tal-Ombudsman Ewropew huwa Emily O'Reilly.

Hija mill-Irlanda.

Emily O'Reilly għamlet għaxar snin bħala l-Ombudsman Irlandiż.

Kienet anke ġurnalista qabel ma saret l-Ombudsman Ewropew.
X'jagħmel l-Ombudsman Ewropew?
L-Ombudsman Ewropew iħares lejn kif jaħdmu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Xi kultant l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jagħmlu żbalji.

In-nies jistgħu jgħidu lill-Ombudsman dwar dan - dan jissejjaħ ilment.

L-Ombudsman Ewropew jgħin lill-persuni li jkollhom ilmenti kontra istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Persuni b'diżabilitajiet jistgħu jċemplu, jiktbu jew jibagħtu email lill-Ombudsman jekk ikollhom problema ma' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Tista' wkoll tgħid lill-Ombudsman jekk xi ħadd li taf iħoss li huwa jew hija qiegħed/qiegħda tiġi/jiġi ttrattat(a) ħażin minn istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Kif tagħmel ilment?

Kultant l-affarijiet ma jmorrux kif suppost fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Jekk jogħġbok aqra t-test li ġej biex issir taf kif tista' tagħmel ilment,

L-ewwel ilmenta mal-istituzzjoni

- L-ewwel ilmenta mal-istituzzjoni tal-UE sabiex ikunu jistgħu jippruvaw jirrangawlek is-sitwazzjoni
- Tkun idea tajba li tikteb l-isem tal-persuna li tkun tkellimt magħha dwar l-ilment tiegħek
- Tkun idea tajba li tniżżel dak kollu li jkun intqal

Ilmenta mal-Ombudsman Ewropew



- Ikteb ismek u kunjomok
- Ikteb l-indirizz tad-dar, l-indirizz tal-email jew in-numru tat-telefown tiegħek
- Ikteb l-isem tal-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li trid tilmenta dwarha

Tista' tgħid lill-Ombudsman jekk istituzzjoni tal-UE tkun qiegħda tiżbalja, anke jekk ma tkunx tixtieq tagħmel ilment uffiċjali.

Kif tikkuntattja lill-Ombudsman

Tista' ċċempel fuq dan in-numru: **00 (33)3 88 17 23 13**

Tista' tibgħat email fuq: eo@ombudsman.europa.eu

Tista' tikteb ittra lil:

**Ombudsman Ewropew 1 avenue du Président Robert Schuman CS 30403 F - 67001
Strasbourg Cedex FRANZA**

Tista' wkoll issegwi lill-Ombudsman fuq Twitter fuq: **@EUombudsman**

Jekk jogħġbok għidilna jekk tixtieq din l-informazzjoni f'lingwa jew f'format differenti.

Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew kummenti, tista' tibgħatilna email fuq
eo@ombudsman.europa.eu